**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 407/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Roderick Tabone**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti;

Rat illi b'sentenza tal-4 ta' Settembru, 2015, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lill-imsemmi Roderick Tabone hati talli, nhar it-22 ta' Mejju, 2015, gewwa s-Siggiewi, ikkometta serq ta' pouch (li fih kien hemm cheque book u multi tool ta' valur ta' €26), ta' valur totali mhux mgharuf, minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBN 301 ghad-dannu ta' Etienne Farrugia liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa; volontarjament ghamel hsara li tammonta ghal inqas minn mitejn u hamsin Euro (€250) u ghad dannu ta' Etienne Farrugia; talli f'Malta xjentement laqa' ghandu jew

xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibiegħhom jew imexxihom; u aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat. Dr. Doreen Clarke LL.D. nhar is-7 ta' Ottubru, 2013 liema sentenza saret definitiva u ma tistghax tithassar; kif ukoll talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiva ta' liberta kundizzjonata ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. nhar is 7 t'Ottubru 2013 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

L-ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant sittax-il xahar prigunerija u ghazlet li ma titrattax mieghu ghar-reati li taghhom kien instab hati fit-22 ta' Jannar 2013 u fis-7 ta' Ottubru, 2013;

L-imputat appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors introdott fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Settembru, 2015 li permezz tieghu talab ir-riforma taghha billi tkun konfermata f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha izda mibdula fil-parti fejn ikkundannatu ghal-16-il xahar prigunerija u minflok timponi piena aktar ekwa u gusta;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami li hi wahda sproporzjonata u li kien ikun ferm aktar idoneu li kieku l-ewwel Qorti tatu l-opportunita' li jindirizza aktar bis-serjeta l-problema tieghu tad-dipendenza fuq id-droga.

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti tosserva illi dik tal-ewwel Grad ghazlet li ma titrattax mal-appellant ghall-kommissjoni ta' reat waqt it-terminu operattiv ta' probation u iehor ta' liberazzjoni b'kondizzjoni b'zewg sentenzi diversi. Kif inhu rassadot fil-gurisprudenza, l-ewwel Qorti ma kellhiex ghazla f'din il-materja ghaliex il-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta jobbliga lill-Qorti li titratta mal-hati f'cirkostanzi konsimili. Minkejja dan, l-Avukat Generali ma appellax dwar dan il-fatt u ghalhekk din il-Qorti qed tissolleva dan il-punt bil-ghan li jkun hemm osservanza aktar retta tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 li altrimenti ma jkunx adoperat inutilment;

3. Ventilat dan il-punt, il-Qorti ghaddiet biex tezamina l-atti processwali u minn hawn jemergi illi l-ewwel Qorti kellha ragun tirrikorri ghal-piena karcerarja tal-appellant, allura imputat. Qabel ma ghaddiet ghas-sentenza taghha, l-ewwel Qorti kkommissjonat Pre Sentencing Report dwar l-appellant fejn l-indikaturi kollha kienu jippuntaw ghal-sentenza karcerarja bhala l-unika soluzzjoni. L-ewwel Qorti ukoll ghamlet konsiderazzjonijiet ragjonati dwar il-piena qabel ma ghaddiet ghal-prolazzjoni tas-sentenza in dizamina. Raggunt dan l-istadju, din il-Qorti hija konkordi mas-sanzjoni mertu ta' dan l-appell, f'dawk ic-cirkostanzi u ma tara xejn sproporzjonat fiha kif jikkotendi l-appellant;

4. Madankollu, l-appellant ressaq xhieda biex juri li fil-mori tal-appell huwa ta widen ghas-sejha ghar-riforma tieghu. Din il-Qorti semghet lill-Probation Officer, l-istess wahda li sentejn qabel irrakomandat piena karcerarja bhala l-unika soluzzjoni ghall-attitudini raffrettarja tal-appellant. Il-lum il-gurnata, sentejn wara l-ghoti tas-sentenza appellata, l-appellant huwa bniedem mibdul. L-ufficcjal tal-probation

ilha ssegwi lill-appellant mis-sena 2013 u hemm kambjament notevoli fih: ghandu xoghol regolari u jahdem sieghat twal u huwa afdat mill-employer tieghu; volontarjament ghamel programm ghar-riabilitazzjoni b'success u qieghed ukoll jattendi programm iehor ta' filghaxija b'mod volontarju; huwa regolari fl-appuntamenti mal-Probation Officer tieghu; huwa nadif mid-droga; qieghed f'relazzjoni stabbli ghandu tarbija u qed jistenna ohra u finalment il-Probation Officer hija kuntenta hafna bil-progess tieghu;

5. Rapprezentant tal-Caritas ikkonferma l-progress registrat mill-appellant bid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti;

6. Huwa principju affermat illi ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata (Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015). Tajjeb ukoll, izda, ghal kwadru komplet ta' din il-kunsiderazzjoni, li ssir referenza ghall-dak li l-Qrati taghna sejhulu *a window of opportunity* f'kawzi fejn il-piena kienet mibdula ghal wahda aktar miti f'cirkostanzi fejn kien muri li l-imputat jew l-appellant ghamel progress fil-hajja tieghu u wera sinjali cari ta' allontanament mill-hajja refrattarja tieghu (ara per ezemplari s-sentenza Il-Pulizija vs Nathalie Felice App Krim 4.12.2014);

7.Il-Qorti jehtieg li tkun accertata illi kull min jipprezenta ruhu bhala persuna mibdula ikun verament inbidel jew almenu wera sinjali konkreti ta' volonta' li jhalli warajh il-hajja refrattarja u kriminuza tieghu. Il-Qorti mhix facilment impressjonata b'semplici dikjarazzjoni li jaf jaghmilha kull min huwa kolpit b'sentenza karcerarja sabiex jevita dik il-privazzjoni ta' liberta' personali. Fil-kaz odjern, izda, il-kambjament tal-appellant ma huwiex xi wiehed istantaneju jew fittizju u r-rizultati huma sorretti minn persuni professjonisti fil-qasam li huma konvinti minn dan il-kambjament. Il-Qorti ghalhekk filwaqt illi ma taqbilx mal-appellant li piena karcerarja kienet wahda sproporzjonata taqbel li ghandu jinghata opportunita' li jkompli fit-triq is-sewwa;

8.Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha l-appellant instab hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, tastjeni milli tikkonferma l-astensjoni tal-ewwel Qorti biex ma titrattax mal-appellant ghal-ksur tas-sentenzi, thassarha f'dik il-parti li biha ikkundannat lill-appellant ghal-sittax (16)-il xahar prigunerija u minflok tqieghdu taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum taht is-sorveljanza ta' ufficcjal tal-Probation fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta;

9.Il-Qorti ghaddiet biex tispjega fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza u tordna li kopja taghha tintbaghat lid-Direttur Probation Services.